MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 1942/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998 Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza lil Mario Abela**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur wara li ppremetta illi b'avviz presentat quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) vs Mario Darmanin (Avviz nru: 1942/97) il-Korporazzjoni konvenuta talbet l-kundanna ta' Mario Darmanin ghall-hlas ta' disgha mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40) fuq il-premessa li dan l-ammont huwa rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326.

Illi b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza;

Illi b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza l-attur;

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' April 2001, il-Qorti kkundannat lill-attur sabiex ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' disa mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' April, 2001;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-attur qatt ma gie notifikat.

Illi kwalsiasi tentattiv ta' notifika li sar lanqas huwa validu peress li ma gewx segwiti d-dettami ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi kien biss wara s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f'gudikat li l-esponenti sar jaf bil-kawza fl-ismijiet fuq premessi;

Illi ghalhekk hemm lok ta' ritrattazjoni ghab-bazi ta' l-artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

Talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magisrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza vs Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela** (Avviz nru 1942/97) li giet deciza fis-27 ta' April 2001 ghat-tenur ta' l-artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza vs Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela** (Avviz nru: 1942/97) li giet deciza fis-27 ta' April 2001.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur (fol 2 ibid) konfermata minnu bil-gurament li jaf personalment li:

1. Illi b'avviz pprezentat quddiem il-Qorti Civil tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) vs Mario Darmanin** (Avvzi nru: 1942/97) il-korporazzjoni konvenuta talbet il-kundanna ta' Mario Darmanin ghall-hlas ta' disgha mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40) fuq il-premessa li dan l-ammont huwa rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326.
2. Illi b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza;
3. Illi b'digriet tat-30 ta'April 1999 gie kjamat in kawza l-esponenti;
4. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' April 2001, il-Qorti kkundannat lill-esponenti sabiex ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' disa mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' April, 2001.
5. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti qatt ma gie notifikat;
6. Illi n-notifika lanqas m'hija valida peress li ma gewx segwiti d-dettami ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi kien biss wara s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f'gudikat li l-esponenti sar jaf bil-kawza fl-ismijiet fuq premessi;
8. Illi ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Rat kif ukoll l-lista ta' dokumenti u xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni (fol 3 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 13 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi din il-kawza qed issir peress li l-attur qed jallega li huwa qatt ma gie notifikat bl-avviz.

Illi Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) indikat fic-Citazzjoni jghidu testwalment:

*"(a) where the judgment was obtained by fraud on the part of any of the parties to the prejudice of the other party;*
*(b) where the writ of summons was not served on the party cast, provided that, notwithstanding such omission, such party shall not have entered an appearance at the trial;"*.

Illi skond dak li hemm fil-premessi tac-citazzjoni zgur ma huwiex kaz li s-sentenza hija rizultat ta' frodi u ghalhekk sub-artikolu (a) zgur ma jaghmilx ghall-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija fis-27 ta' April 2001 mill-Magistrat Dottor Dennis Montebello fl-ismijiet "Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza kontra Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela" li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u giet markata *document "A"* hemm indikat car illi l-kjamat in kawza, l-attur odjern, kien "debitament notifikat" u ghalhekk zgur li l-Magistrat sedenti kellu prova , (ara "pink card" u riferta a fol 23 tergo tal-process tal-kawza numru 1942/1997 DM fuq imsemmija), li tali notifika kienet saret skond il-Ligi. Ghalhekk sub-artikolu (b) ukoll ma jaghmilx ghall-kaz in ezami.

Illi ghalhekk ma hemmx lok li din l-Qorti ghandha thassar u tirrevoka u lanqas tordna r-ritrazzazzjoni tal-kawza f-ismijiet "Korporazzjoni Telematla (Sezzjoni Arretrati) u

b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-attir tal-kawza kontra Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela".

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess socjeta konvenuta (fol 15 e seq ibid) u li biha esponiet bir-rispett u l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young … bil-gurament ikkonfermat:-

Illi din il-kawza qed issir peress li l-attur qed jallega li huwa qatt ma gie notifikat bl-avviz.

Illi Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) indikat fic-Citazzjoni jghidu testwalment:

*"(a) where the judgment was obtained by fraud on the part of any of the parties to the prejudice of the other party;*
*(b) where the writ of summons was not served on the party cast, provided that, notwithstanding such omission, such party shall not have entered an appearance at the trial;"*.

Illi skond dak li hemm fil-premessi tac-citazzjoni zgur ma huwiex kaz li s-sentenza hija rizultat ta' frodi u ghalhekk sub-artikolu (a) zgur ma jaghmilx ghall-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija fis-27 ta' April 2001 mill-Magistrat Dottor Dennis Montebello fl-ismijiet "Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza kontra Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela" li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u giet markata *document "A"* hemm indikat car illi l-kjamat in kawza, l-attur odjern, kien "debitament notifikat" u ghalhekk zgur li l-Magistrat sedenti kellu prova , (ara "pink card" u riferta a fol 23 tergo tal-process tal-kawza numru 1942/1997 DM fuq imsemmija), li tali notifika kienet saret skond il-Ligi. Ghalhekk sub-artikolu (b) ukoll ma jaghmilx ghall-kaz in ezami.

Illi ghalhekk ma hemmx lok li din l-Qorti ghandha thassar u tirrevoka u lanqas tordna r-ritrazzazzjoni tal-kawza f-ismijiet "Korporazzjoni Telematla (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-attir tal-kawza kontra Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela".

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa maghha u li tinsab a fol 16 ibid.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-17 ta' April 2007 (fol 74 et seq ibid) u li biha gew milqugha it-talbiet tal-attur u giet ordnata r-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza hemm annessi u li taghha qed issir r-ritrattazzjoni b'mod specjali n-<u>nota</u> tas-socjeta' konvenuta issa attrici u li permezz taghha qed ccedi l-atti tal-kawza fil-konfront biss tal-konvenut Mario Darmanin (fol 26 u fol 27 fl-atti tal-avviz 1942/97DM) is-sentenza originali a fol 28 u fol 29 ibid kif ukoll dak verbalizzat a fol 31 ibid u a fol 38 ibid fejn jinghad "Il-Qorti tirrileva illi a fol 26 tal-atti jidher li giet presentata nota ta' cessjoni mis-socjeta' attrici <u>fil-konfront tal-konvenut Mario Darmanin</u>. (Il) P.L. Noel Scerri jikkontendi li la darba l-Qorti ordnat ir-ritrattazzjoni , din in-nota ta' cessjoni tigi nulla.

Semghet it-trattazzjoni fuq dan il-punt.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din id-decisjoni tittratta u tinvolvi, <u>biss</u>, il-punt sollevat mis-socjeta' attrici fis-sens illi la darba l-Qorti kif diversamnet presjeduta laqghet it-talba ghar-revoka u thassir tas-sentenza hawn fuq imsemmija (avviz numru 1942/97DM) u ordnat ir-ritrattazzjoni taghha, in-nota ta' cessjoni tal-atti fil-konfront ta' Mario Darmanin ghandha tigi konsiderata konsegwentement bhala nulla u bla effett.

Illi dwar dan il-punt, ghandhom jigu rilevati s-segwenti punti.

a) it-talba ghar-ritrattazzjoni saret, biss, mill-kjamat fil-kawza Mario Abela, u ghalhekk kull decisoni li setghet inghatat ghandha biss tinvolvi lill-istess kjamat fil-kawza u dan a bazi tal-principju bazilari illi kull sentenza li tinghata tinvolvi u tapplika, biss, il-partijiet fil-kawza cioe s-socjeta' konvenuta issa attrici u l-kjamat fil-kawza Mario Abela.

b) Dan premess, din il-Qorti ma tarax kif sentenza li tirrevoka u thassar sentenza ohra ifisser, ukoll, in-nullita' w id-dikjarazzjoni bhala tali, ta' kull att li sar qabel is-sentenza, revokata w imhassra. Filfatt, f'dan il-kaz giet imhassra s-sentenza originali minhabba li gie pruvat illi l-istess kjamat fil-kawza ma giex notifikat skond il-ligi (artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 citat). Ghalhekk l-unika att qabel is-sentenza originali u li jista' jigi konsiderat bhala null hu dak li jindika fl-istess atti, illi l-kjamat fil-kawza kien gie notifikat skond ir-regoli tal-ligi waqt li l-provi urew mod iehor.

Illi, jigi rilevat illi, la darba ma hemm xejn x'jindika illi n-nota ta' cessjoni maghmula minghajr ebda kondizzjoni, hi, ghal xi raguni, nulla jew illi l-istess nota giet dikjarata nulla, ghandhom japplikaw l-artikolu 906(1) u 907(1) tal-istess Kapitolu 12 ibid.

Ghaldaqstant, il-Qorti, waqt li ma takkoljiex dak ritenut mis-socjeta' attrici Tordna li din il-kawza titkompla u tigi deciza, biss, fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, Mario Abela waqt li, ghal kull bon fini, tiddikjara l-procediment esawrit fil-konfront tal-konvenut originali Mario Darmanin.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------